SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 13/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/07/'1113**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/07/'11 15**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-12.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Assenti: Il-Membru Carmel Agius

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Lulju 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2011
4. Mistoqsijiet
5. Triq il-Knisja
6. Tisbiħ f'Paceville
7. Infurzar
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 12/KA1/11 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P329, P330 & KA 109 | Korrispondenza maċ-Chairperson is-Sur Richard Scicluna u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 29 / 2011 – Stemma ġdida għal Paceville. |
| P353 | Ittra mingħand ir-Rokna Enterprises Ltd dwar talba għar-Residential Parking. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P353

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand ir-Rokna Enterprises Ltd dwar talba għal Residential Parking.

Ġie deċiż unanimament li r-Rokna Enterprises Ltd. tiġi nfurmata li:-

- billi diġa hemm *Un/Loading Bay,* il-Kumitat ma jaqbilx mat-talba li saret.
- Il-permess li kien inħareġ m'għadux validu peress li dan kien sar qabel ma ġie elett il-Kumitat Amministrattiv. KA0132/229/11-MC

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2011**

3.01 Saret riferenza għar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2011 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata tar-rapport.

3.03 Wara diskussjoni ċ-Chairman ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

3.04 Il-Viċi-Chairman issekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Mistoqsijiet**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet riferenza għall-mistoqsijiet li saru permezz tal-korrispondenza P361/11 u P363/11 u tat spjegazzjoni dettaljata (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Għall-mistoqsija numru 3a rigward it-tneħħija ta' skips minn Paceville, ġie deċiż unanimament li jittieħed parir legali.

4.03 Il-Kumitat ippreżenta *draft* ta' ittra (Ara Appendiċi 'C') biex tintbagħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Pulizija ħalli tittieħed azzjoni mmedjata minħabba li l-bankini qed jiġu ostakolati bl-imwejjed u siġġijiet. KA0136/0118044/11-MC

5 **Triq il-Knisja**

5.01 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lit-Transport Malta biex Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Spinola terġa tinfetaħ għat-traffiku. KA0133/0436/11-MC

6 **Tisbiħ f'Paceville**

6.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li 'l quddiem hemm il-ħsieb li jsiru planters ġo ċertu toroq f'Paceville. Aktar dettalji jingħataw f'laqgħat oħra.

7 **Infurzar**

7.01 Ġie deċiż unanimament li tintalab laqgħa mal-Authorised Officer biex jiġi diskuss l-infurzar tal-gwardjani lokali ġewwa Paceville. KA0134/194/11-MC

8 **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara appendiċi 'D') u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.02 Il-Viċi-Chairman issekondah.

8.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

9 **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 93 sa 101 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

9.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

9.03 Il-Viċi-Chairman issekondah.

9.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

9.05 Ġie deċiz unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 t'Awwissu 2011.

9.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-1.40p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**